



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 168/20
il-Lussemburgu, 17 ta' Diċembru 2020

Sentenza fil-Kawża C-490/19
Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier vs Société
Fromagère du Livradois SAS

Id-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi r-riproduzzjoni tal-forma jew tad-dehra tal-prodott protett minn DOP f'ċerti ċirkustanzi

Għandu jiġi evalwat jekk din ir-riproduzzjoni tistax tqarraq bil-konsumatur meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, inklużi l-modalitajiet ta' preżentazzjoni lill-pubbliku u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott kif ukoll il-kuntest fattwali

Il-Morbier huwa ġobon immanifatturat fil-massif ta' Jura (Franza) li jgawdi minn denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) mit-22 ta' Diċembru 2000. Huwa kkaratterizzat bil-preżenza ta' strixxa sewda li taqsam il-ġobon fi tnejn f'sens orizzontali. Din l-istrixxa sewda, oriġinarjament minn saff ta' karbonju u issa komposta minn karbonju veġetali, tissemma espliċitament fid-deskrizzjoni tal-prodott inkluża fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott relatati mad-DOP.

Is-Société Fromagère du Livradois SAS, li timmanifattura l-ġobon Morbier mill-1979, ma tinsabx fiż-żona ġeografika li d-denominazzjoni "Morbier" hija rriżervata għaliha. Mill-iskadenza ta' perijodu tranżitorju, hija tuża, għaldaqstant, id-denominazzjoni "Montboissé du Haut Livradois" għall-ġobon tagħha.

Fl-2013, is-Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (iktar 'il quddiem is-"Syndicat", ressaq proċedimenti kontra s-Société Fromagère du Livradois quddiem it-tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Reġjonali ta' Pariġi, Franza). Skont is-Syndicat, is-Société Fromagère du Livradois qiegħda tikser id-DOP u twettaq atti ta' kompetizzjoni żleali u parassitika billi timmanifattura u tikkummerċjalizza ġobon bid-dehra viżiva ta' dak kopert mid-DOP "Morbier", b'mod partikolari l-istrixxa sewda. L-azzjoni tiegħu ġiet miċħuda.

Permezz ta' sentenza mogħtija fl-2017, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ikkonfermat din iċ-ċaħda. Skont din il-qorti, id-DOP ma hijiex intiża li tipproteġi d-dehra ta' prodott jew il-karatteristiċi tiegħu, iżda d-denominazzjoni tiegħu, b'tali mod li hija ma tipprojbixxi il-manifattura ta' prodott skont l-istess tekniki. Is-Syndicat għalhekk appella fil-kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 13(1) rispettivi tar-Regolamenti Nru 510/2006¹ u Nru 1151/2012², li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati. B'mod iktar partikolari, tqum il-kwistjoni dwar jekk it-kompliġja tal-karatteristiċi fiżiċi ta' prodott kopert minn DOP, mingħajr użu tad-denominazzjoni rreġistrata, tistax tikkostitwixxi prattika li tista' tqarraq bil-konsumatur fir-rigward tal-oriġini vera tal-prodott, ipprojbata mill-Artikoli 13(1)(d) ta' dawn iż-żewġ regolamenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha, għall-ewwel darba, tinterpreta dawn l-Artikoli 13(1)(d).

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel (ĠU 2008, L 335M, p. 213, u rettifiċi fil-ĠU 2009, L 64M, p. 74, u fil-ĠU 2011, L 293, p. 38)

² Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, u rettifiċi fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10, u fil-ĠU 2019, L 216, p. 40)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fl-ewwel lok, li l-Artikoli 13(1) tar-Regolamenti Nru 510/2006 u Nru 1151/2012 ma jipprojbixxux biss l-użu minn terz tad-denominazzjoni rreġistrata. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tistipula li l-Artikoli 13(1)(d) rispettivi ta' dawn iż-żewġ regolamenti jipprojbixxu r-riproduzzjoni tal-forma jew tad-dehra li tikkaratterizza prodott kopert minn denominazzjoni rreġistrata meta din ir-riproduzzjoni tista' twassal lill-konsumatur jemmen li l-prodott inkwistjoni huwa kopert minn din id-denominazzjoni rreġistrata. F'dan ir-rigward, għandu jiġi evalwat jekk l-imsemmija riproduzzjoni tistax tqarra lill-konsumatur Ewropew, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ, inklużi modalitajiet ta' preżentazzjoni lill-pubbliku u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti inkwistjoni kif ukoll tal-kuntest fattwali.

Sabiex tasal għal dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabelxejn li l-Artikoli 13(1) tar-Regolamenti Nru 510/2006 u Nru 1151/2012 jinkludu lista gradwata ta' aġir ipprojbit u ma humiex limitati għall-projbizzjoni tal-użu tad-denominazzjoni rreġistrata stess. Għalhekk, minkejja li ma jippreċiżawx speċifikament l-aġir ipprojbit, l-Artikoli 13(1)(d) ta' dawn ir-regolamenti jirrigwardaw kunsiderevolment l-aġir kollu, minbarra dak ipprojbit mill-Artikoli 13(1)(a) sa (c), li jista' jkollu bħala riżultat li jqarra lill-konsumatur fir-rigward tal-orijini vera tal-prodott inkwistjoni.

Fir-rigward sussegwentement tal-kwistjoni dwar jekk ir-riproduzzjoni tal-forma jew tad-dehra ta' prodott kopert minn denominazzjoni rreġistrata tistax tikkostitwixxi tali Prattika li tista' tqarra lill-konsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, ċertament, **il-protezzjoni prevista mir-Regolamenti Nru 510/2006 u Nru 1151/2012 għandha bħala għan id-denominazzjoni rreġistrata u mhux il-prodott kopert minnha. Għaldaqstant, hija ma għandhiex l-għan li tipprojbixxi l-użu tat-tekniki ta' manifattura jew ir-riproduzzjoni ta' karatteristika waħda jew iktar indikati fl-ispeċifikazzjonijiet ta' prodott kopert minn tali denominazzjoni, minħabba li huma jidhru f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott.**

Madankollu, id-DOP huma protetti sa fejn jindikaw prodott li għandu ċerti kwalitajiet jew ċerti karatteristiċi. Għalhekk, id-DOP u l-prodott kopert minnha huma marbuta mill-qrib. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li r-riproduzzjoni tal-forma jew tad-dehra ta' prodott kopert minn denominazzjoni rreġistrata, mingħajr ma din id-denominazzjoni ma tidher la fuq il-prodott inkwistjoni u lanqas fuq l-imballaġġ tiegħu, tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 13(1)(d). Dan ikun il-każ jekk din ir-riproduzzjoni tista' tqarra lill-konsumatur dwar l-orijini vera tal-prodott inkwistjoni.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex il-każ, **għandu b'mod partikolari jiġi evalwat jekk element tad-dehra tal-prodott kopert mid-denominazzjoni rreġistrata jikkostitwixxix karatteristika ta' referenza u partikolarment distintiva sabiex ir-riproduzzjoni tiegħu tkun tista', flimkien mal-fatturi rilevanti kollha tal-każ, twassal lill-konsumatur jemmen li l-prodott li fih din ir-riproduzzjoni ikun kopert minn din id-denominazzjoni rreġistrata.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106